# X'inhu jsir biex niġġieldu d-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel?

PREPARE THE GROUND FOR
ECONOMIC INDEPENDENCE

Id-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel hi d-differenza medja tal-paga fis-siegħa bejn in-nisa u l-irġiel li jinsabu fis-suq tax-xogħol.

## Investigazzjonijiet tal-NCPE

L-NCPE tinvestiga każijiet ta' diskriminazzjoni fil-paga ta' impjegati nisa. L-NCPE toħroġ stqarrijiet għall-istampa biex iżżid l-għarfien fost min iħaddem u tkompli tħeġġeġ it-trasparenza dwar l-obbligi legali li n-nisa u l-irġiel jitħallsu indaqs.

## Konferenzi tal-NCPE

Fl-2015 l-NCPE organizzat konferenza fuq id-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel. Dan kien l-ewwel avveniment pubbliku fejn din il-kwistjoni ġiet diskussa f'Malta. Fl-2019, l-NCPE ser torganizza seminar fuq dan l-istess suġġett.

## Kampanja 'PayM€qually'

F'Novembru 2017, l-NCPE nediet kampanja bl-isem ta' 'PayM€qually', bl-għan li żżid l-għarfien dwar id-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel permezz tal-midja soċjali, programmi televiżi u tar-radju.

## Il-Marka tal-Ugwaljanza

Din hija inizjattiva oħra min-naħa tal-NCPE, li ilha teżisti mill-2012, bil-għan li tassisti lill-kumpaniji u l-intrapriżi biex jaddottaw miżuri u prattiki f'dak li għandu x'jaqsam mal-ugwaljanza bejn is-sessi u pagi ugwali.

**Kont taf dwar**
**IL-ĠURNATA EWROPEA GĦAL PAGA UGWALI?**

**Ġurnata li tqajjem kuxjenza dwar il-fatt li n-nisa għadhom jaqilgħu paga inqas mill-irġiel għal xogħol ta' valur ugwali. Ħafna drabi din tkun fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru.**

## Proġett 'Prepare the Ground for Economic Independence'

- Wieħed mir-riżultati tal-proġett PGEI ser tkun l-'Equal Pay Tool', adattata għal Malta u magħmula għall-proċess taċ-ċertifikazzjoni fil-Marka tal-Ugwaljanza. Din l-għodda ser tkun qed tgħin lill-ħaddiema u lil min iħaddem sabiex jassigura l-istess paga għal xogħol tal-istess valur jew simili.
- Bħala parti mill-proġett, l-NCPE qed torganizza sessjonijiet għall-għalliema tal-career guidance, kif ukoll career advisors, biex tqajjem aktar għarfien dwar setturi ta' xogħol attwalment iddominati mill-irġiel.
- Kampanji dwar id-diskrepanza fil-pagi u l-pensjonijiet bejn in-nisa u l-irġiel fuq il-midja soċjali u tradizzjonali.
- F'Novembru 2019, ser jiġi organizzat seminar għall-partijiet interessati li jaħdmu fuq dan is-suġġett.

## Equal Pay Tool

Fi ħdan l-UE qed jiġu mnedija inizjattivi prattiċi bħalma huma l-Equal Pay Tools. Din l-għodda utli tgħin lill-ħaddiema u lil min iħaddem ikejlu l-paga tagħhom stess u jikkumparawha ma' tal-kollegi tagħhom biex jaraw jekk hemmx xi diskriminazzjoni bejn min jagħmel l-istess xogħol.

**Għal aktar informazzjoni ċempel 22957850**
**jew ibgħat email fuq equality@gov.mt**

**Rights, Equality and Citizenship Programme 2014-2020**
Project part-financed by the European Union
Co-financing rate: 80% EU funds; 20% National Funds